

V

(Avviżi)

PROCEDURE AMMINISTRATTIVI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

SEJĦA GĦALL-PROPOSTI 2011 – EAC/49/10

Programm ta' Tagħlim Tul il-Ħajja (PTH)

(2010/C 290/06)

1. Obiettivi u deskrizzjoni

Din is-sejħa għall-proposti hija bbażata fuq id-deċiżjoni li tistabbilixxi l-Programm ta' Tagħlim Tul il-Ħajja li ġiet adottata mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill fil-15 ta' Novembru 2006 (id-Deċiżjoni Nru 1720/2006/KE) ⁽¹⁾. Il-programm ikopri l-perjodu bejn l-2007 u l-2013. L-obiettivi speċifiċi tal-Programm ta' Tagħlim Tul il-Ħajja huma elenkati fl-Artikolu 1.3 tad-Deċiżjoni.

2. Eliġibbiltà

Il-Programm ta' Tagħlim Tul il-Ħajja japplika għat-tipi u għal-livelli kollha ta' edukazzjoni u ta' edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali, u huwa aċċessibbli għall-entitajiet kollha elenkati fl-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni.

L-applikanti jridu jkunu stabbiliti f'wieħed mill-pajjiżi li ġejjin ⁽²⁾:

— is-27 Stat Membru tal-Unjoni Ewropea,

— Il-pajjiżi taż-ŻEE/EFTA: l-Islanda, il-Liechtenstein, in-Norveġja, l-Isvizzera ⁽³⁾

— Il-pajjiżi kandidati: il-Kroazja ⁽⁴⁾, it-Turkija.

Skont l-Artikolu 14(2) tad-Deċiżjoni li tistabbilixxi l-PTH, il-proġetti u netwerks multilaterali taħt Comenius, Erasmus, Leonardo da Vinci, Grundtvig u l-attivitajiet ewlenin tal-Programm Trasversali huma miftuħa wkoll għal sħab minn pajjiżi terzi li ma jkunux qegħdin diġà jipparteċipaw fil-Programm ta' Tagħlim Tul il-Ħajja abbażi tal-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni. Jekk jogħġbok irreferi għall-Gwida PTH 2011 għad-dettalji tal-azzjonijiet ikkonċernati u l-modalitajiet tal-parteċipazzjoni.

3. Baġit u tul tal-proġetti

Il-baġit totali ppjanat għal din is-sejħa huwa stmat li se jkun EUR 1 065 miljun.

Il-livell ta' għotjiet mogħtija kif ukoll it-tul tal-proġetti jvarjaw skont fatturi bħalma huma t-tip ta' proġett u l-għadd ta' pajjiżi involuti.

⁽¹⁾ Id-Deċiżjoni Nru 1720/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2006 li tistabbilixxi programm ta' azzjoni fil-qasam tat-tagħlim tul il-ħajja (ĠU L 327, 24.11.2006, p. 45) <http://eur-lex.europa.eu/lex/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:L:2006:327:0045:0068:EN:PDF> u d-Deċiżjoni Nru 1357/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 li temenda d-Deċiżjoni Nru 1720/2006/KE (ĠU L 350, 30.12.2008, p. 56): <http://eur-lex.europa.eu/lex/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:L:2008:350:0056:0057:EN:PDF>

⁽²⁾ Ħlief għall-programm Jean Monnet li hu miftuħ għall-istituzzjonijiet edukattivi ogħla mad-dinja kollha.

⁽³⁾ Għas-sena akkademika 2011-2012 u kemm-il darba l-istadji formali għall-parteċipazzjoni jkunu kompluti fil-ħin.

⁽⁴⁾ Kemm-il darba l-istadji formali għall-parteċipazzjoni jkunu kompluti fil-ħin.

4. L-Iskadenza għat-tressiq tal-applikazzjonijiet

L-iskadenzi ewlenin huma kif ġej:

Comenius, Grundtvig: Taħriġ fuq il-post tax-xogħol	l-ewwel skadenza: l-14 ta' Jannar 2011
	Skadenzi oħrajn: id-29 ta' April 2011
	is-16 ta' Settembru 2011
Assistentati għal Comenius	il-31 ta' Jannar 2011
Leonardo da Vinci: Mobbiltà (inkluż iċ-ċertifikat ta' mobbiltà ta' Leonardo da Vinci);	l-4 ta' Frar 2011
Erasmus: Korsijiet Intensivi tal-Lingwa (EILC)	
Il-Programm Jean Monnet	il-15 ta' Frar 2011
Comenius, Leonardo da Vinci, Grundtvig: Partenarjati;	il-21 ta' Frar 2011
Comenius: Il-Partenarjati Comenius Regio; Grundtvig: Workshops	
Comenius, Erasmus, Leonardo da Vinci, Grundtvig: Proġetti multilaterali, Netwerks u Miżuri li jakkumpanjawhom	it-28 ta' Frar 2011
Leonardo da Vinci: Proġetti multilaterali għat-Trasferiment tal-Innovazzjoni	it-28 ta' Frar 2011
Erasmus: Programmi Intensivi (IP), Mobbiltà tal-istudenti għall-istudji u <i>placements</i> (inkluż iċ-ċertifikat ta' <i>placements</i> tal-konsorzju ta' Erasmus) u l-Mobbiltà tal-istaff (inkarigi ta' tagħlim u taħriġ tal-istaff)	il-11 ta' Marzu 2011
Grundtvig: Assistentati, Proġetti ta' Volontarjat mal-Anzjani	il-31 ta' Marzu 2011
Programm Trasversali: L-attività prinċipali Nru 1 – Żjarat l-ewwel skadenza: ta' studju	il-31 ta' Marzu 2011
	it-tieni skadenza: l-14 ta' Ottubru 2011
Programm Trasversali: l-attivitajiet l-oħrajn kollha	il-31 ta' Marzu 2011

Għaż-Żjarat u l-Iskambji ta' Grundtvig u għaż-Żjarat Preparatorji taħt il-programmi settorjali kollha hemm dati ta' skadenza diversi speċifiċi għal kull pajjiż. Jekk jogħġbok irreferi għal-websajt tal-Aġenzija Nazzjonali rilevanti f'pajjiżek.

5. Id-dettalji kollha

It-test sħiħ tas-"Sejħa Ġenerali tal-PTH għall-proposti 2011-2013 – Prijoritajiet tal-Istrateġija", flimkien mal-"Gwida tal-Programm tal-PTH tal-2011" u l-informazzjoni dwar id-disponibbiltà tal-formoli tal-applikazzjoni jinsabu f'dan l-indirizz tal-internet: http://ec.europa.eu/education/llp/doc848_en.htm

L-applikazzjonijiet iridu jirrispettaw it-termini kollha tat-test sħiħ tas-Sejħa u tal-Gwida tal-Programm tal-PTH, u jitressqu fuq il-formoli t-tajbin li huma pprovduti.